**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 8 ta' Mejju 2019**

**Talba Nru: 250/18 CZ**

**AC Fuels Limited (C 60673)**

**vs.**

**Petro Plus Limited (C 50905)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fil-5 ta' Gunju 2018 fejn premettiet:

Illi s-socjeta' esponenti topera fil-qasam tal-importazzjoni u distribuzzjoni lokalment ta' diversi prodotti taz-zejt fosthom il-prodott EN590;

Illi s-socjeta' konvenuta talbet lil dik atrici sabiex tforniha b'1202 litri ta' diesel EN590, liema prodott gie ricevut mis-socjeta' konvenuta w accettat minghajr ebda riservi;

Illi s-socjeta' attrici harget invoice (Dok. A) fl-ammont ta' elf tliet mija erbga u disghin Euro u tnejn u tletin centezmu (€1,394.32) lis-socjeta' konvenuta ghall-istess prodott liema invoice tidher li ghadha pendenti skond ma jidher mill-anness statement (Dok. B);

Illi s-socjeta' konvenuta qatt ma kellha xi riserva dwar il-valur, il-kwantita', jew il-kwalita' tal-prodott lilha mibjugh;

Ghaldaqstant is-socjeta' esponenti umilment titlob li dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu:

1. Jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tliet mija erbga u disghin Euro u tnejn u tletin centezmu (€1,394.32) liema ammont huwa dovut ghal diesel EN590 mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta' konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta u lanqas deher xi rapprezentant taghha quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tad-29 t'April 2019.

Ikkunsidra l-fatt illi s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf tliet mija erbga u disghin Euro u tnejn u tletin centezmu (€1,394.32) bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mit-12 ta’ Settembru 2017, data tal-fattura, sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu’

Deputat Registratur